Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 6 ta' Ottubru 2026**
**(OR. en)**

**14071/26**

**ECOFIN 1270**
**CLIMA 511**
**FIN 1401**
**ENV 1186**
**ENER 629**
**COMPET 1170**
**CADREFIN 420**
***ECB***
***EIB***

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 2 ta' Ottubru 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 525 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL<br>dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku skont il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta fl-2026, kif imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/1229 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 525 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 525 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.10.2026
COM(2026) 525 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

**dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku skont il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta fl-2026, kif imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/1229**

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku skont il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta fl-2026, kif imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/1229

## 1. INTRODUZZJONI, SKOP U GĦAN TA' DAN IR-RAPPORT

Fl-2020, il-Kummissjoni ħolqot Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (JTM) bħala parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew[1], biex tiżgura li l-ebda grupp jew reġjun ma jitħalla jibqa' lura fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. L-għan primarju tal-mekkaniżmu huwa li jipprovdi appoġġ lir-reġjuni u lin-nies l-aktar milquta u li jgħinhom itaffu l-kostijiet soċjoekonomiċi tat-tranżizzjoni. Il-JTM jikkonsisti fi tliet pilastri: (1) il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, (2) skema ddedikata għal Tranżizzjoni Ġusta taħt il-Programm InvestEU, u (3) il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku (PSLF jew "il-Faċilità").

Dan il-ħames rapport annwali ta' implimentazzjoni[2], imħejji f'konformità mal-Artikolu 16(3)[3] tar-Regolament (UE) 2021/1229[4] ("ir-Regolament PSLF"), jiffoka fuq it-tielet pilastru. Dan għandu l-għan li jipprovdi informazzjoni dwar il-progress li sar s'issa fl-implimentazzjoni tal-PSLF.

Dan ir-rapport huwa kumulattiv mill-bidu tal-implimentazzjoni tal-PSLF sad-19 ta' Ġunju 2026. Il-parti li jifdal tas-sena 2026 se tiġi rrapportata fir-rapport li jmiss f'konformità mal-obbligi ta' rapportar tal-PSLF.

Ir-rapport jipprovdi informazzjoni dwar (i) ir-riżultati tal-ewwel sejħa għal proposti tal-PSLF, l-ewwel data limitu tat-tieni sejħa għal proposti u l-assorbiment kumulattiv totali tal-baġit, (ii) l-assistenza teknika, u (iii) il-passi li jmiss.

### 1.1. Qafas legali u baġitarju tal-faċilità ta' self għas-settur pubbliku skont il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta

Il-PSLF ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/1229 fl-14 ta' Lulju 2021.

L-objettiv ġenerali tal-PSLF huwa li tindirizza l-isfidi soċjali, ekonomiċi u ambjentali serji li jirriżultaw mit-tranżizzjoni lejn il-miri tal-UE għall-klima u l-enerġija għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-UE sa mhux aktar tard mill-2050, stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119[5], għall-benefiċċju tat-territorji tal-UE identifikati fil-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta (TJTP)[6].

[1] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli l-Pjan ta' Investiment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew — COM (2020) 21 final, 14.1.2020.

[2] L-ewwel rapport ta' implimentazzjoni ġie preżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fis-7 ta' Frar 2023, it-tieni rapport fil-21 ta' Novembru 2023, it-tielet wieħed fit-30 ta' Settembru 2024, u r-raba' wieħed fis-6 ta' Ottubru 2025.

[3] Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament PSLF, "*sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena kalendarja, li tibda mill-2022, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità. Dak ir-rapport għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-livell ta' implimentazzjoni tal-Faċilità fir-rigward tal-objettivi, il-kondizzjonijiet u l-indikaturi tal-prestazzjoni tagħha*."

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/1229 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku taħt il-mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 274, 30.7.2021).

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (il-"Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021).

[6] Kif definit fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021).

L-objettiv speċifiku tal-PSLF huwa li tingrana l-investiment tas-settur pubbliku li jindirizza l-ħtiġijiet ta' żvilupp tat-territorji identifikati fit-TJTP. Dan tagħmlu billi tiffaċilita l-finanzjament ta' proġetti li ma jiġġenerawx biżżejjed flussi ta' dħul biex ikopru l-kostijiet ta' investiment tagħhom, u b'hekk tevita l-effett ta' evizzjoni ta' appoġġ u ta' investiment potenzjali minn riżorsi alternattivi.

L-appoġġ huwa disponibbli għal firxa wiesgħa ta' investiment. Il-PSLF tista' tappoġġa investiment fl-enerġija rinnovabbli u fil-mobilità ekoloġika u sostenibbli, il-promozzjoni ta' idroġenu ekoloġiku, networks effiċjenti tat-tisħin distrettwali, ir-riċerka pubblika, id-diġitalizzazzjoni, l-infrastruttura ambjentali għall-immaniġġjar intelliġenti tal-iskart u tal-ilma u inizjattivi tas-saħħa pubblika.

Il-PSLF tista' tappoġġa wkoll miżuri ta' enerġija sostenibbli, effiċjenza enerġetika u integrazzjoni, inklużi r-rinnovazzjonijiet u l-konverżjonijiet tal-bini, it-tiġdid u r-riġenerazzjoni urbani, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, ir-restawr u d-dekontaminazzjoni tal-art u tal-ekosistema, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", u l-bijodiversità, kif ukoll it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, it-taħriġ u l-infrastruttura soċjali, inklużi l-faċilitajiet tal-kura u l-akkomodazzjoni soċjali[7].

Ir-Regolament PSLF jipprovdi baġit massimu totali ta' EUR 1.525 biljun ta' appoġġ tal-UE għall-komponent tal-għotja tal-PSLF (inklużi l-assistenza teknika u l-appoġġ konsultattiv). Dan il-baġit totali tnaqqas b'EUR 150 miljun fl-2024 bħala konsegwenza tar-reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 u b'EUR 175 miljun fl-2025 wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/2005 omnibus[8] li għandu l-għan li jsaħħaħ il-programm InvestEU. Wara dawn ir-riallokazzjonijiet, il-baġit massimu disponibbli għall-PSLF huwa ta' EUR 1,2 biljun.

Skont il-PSLF, is-self ipprovdut mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) bħala sieħeb finanzjarju huwa kkombinat ma' għotjiet ipprovduti mill-UE biex jappoġġaw proġetti ppreżentati minn korpi tas-settur pubbliku wara sejħa għal proposti. Il-BEI se jipprovdi sa EUR 6 biljun għall-komponent tas-self tal-PSLF. Il-BEI joffri tliet tipi ta' self skont il-PSLF: self ta' investiment (proġetti awtonomi ffinanzjati direttament mill-BEI), qafas ta' self (imsejħa wkoll skemi ta' self, li jiffinanzjaw direttament sett ta' proġetti predeterminati) u self intermedjat li jiffinanzja proġetti iżgħar permezz ta' intermedjarji finanzjarji tal-BEI.

Il-komponent tal-għotja, implimentat mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA), jieħu l-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet u l-ammont tiegħu jiġi ddeterminat bħala perċentwal fiss tas-self. Dan il-perċentwal jammonta għal 15 %, jew għal 25 % jekk il-proġett ikun jinsab f'reġjun inqas żviluppat[9]. Konsegwentement, l-għoti ta' sussidju jiddependi mill-finanzjament approvat mill-BEI jew mill-intermedjarji finanzjarji tiegħu[10]. L-ewwel sejħa għal proposti, li baqgħet miftuħa sa tmiem l-2025, taqsam il-baġit disponibbli f'ishma nazzjonali, abbażi tal-proporzjonijiet tal-allokazzjonijiet tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (Just Transition Fund, "JTF"). It-tieni sejħa għal proposti, li sservi l-perjodu 2026–2027, tiġbor flimkien kwalunkwe allokazzjoni nazzjonali mhux użata, mingħajr ishma nazzjonali.

## 2. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PSLF

### 2.1. Riżultati tal-ewwel sejħa għal proposti tal-PSLF (2022–2025)

7 Ara l-Premessa (6) tar-Regolament PSLF.

8 Ir-Regolament (UE) 2025/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2015/1017, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695 u (UE) 2021/1153 fir-rigward taż-żieda fl-effiċjenza tal-garanzija tal-UE skont ir-Regolament (UE) 2021/523 u s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar.

9 Ara l-Artikolu 11 tar-Regolament PSLF.

10 L-Artikolu 18 tal-Mudell tal-Ftehim ta' Għotja tal-JTM, disponibbli fuq il-portal Funding & tenders (europa.eu).

Skont din is-sejħa, imnedija fid-19 ta' Lulju 2022, ġew ippreżentati 73 proposta, li minnhom 56 ġew iddikjarati eliġibbli u 45 intgħażlu għall-finanzjament mill-kumitat ta' evalwazzjoni tal-PSLF. Ir-riżultati għal kull data limitu fis-sejħa jintwerew fl-Anness 1. Skont l-informazzjoni pprovduta fil-ftehimiet ta' għotja u fl-applikazzjonijiet magħżula għall-finanzjament għal dawk fejn il-ftehim għadu ma ġiex iffirmat, ammont stmat ta' EUR 482 miljun se jingħata mill-Kummissjoni.

Minn Ġunju 2026, kienu ġew iffirmati 26 ftehim ta' għotja għall-proġetti (ara aktar dettalji fit-Taqsima 2.4), li jikkorrispondu għal madwar EUR 337.5 miljun f'appoġġ mill-UE taħt il-komponent ta' għotja tal-PSLF. Dawn l-għotjiet huma kkombinati ma' finanzjament ipprovdut mill-BEI, li jammonta għal madwar EUR 1.9 biljun f'self. Barra minn hekk, il-proġetti appoġġati jimmobilizzaw aktar finanzjament fil-livell tal-proġett, inkluż kontribuzzjoni minn riżorsi pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali u, fejn applikabbli, sorsi privati ta' finanzjament. B'kollox, l-operazzjonijiet iffirmati huma mistennija li jimmobilizzaw investiment li jaqbeż l-EUR 3.2 biljun.

Dawn ir-riżultati jikkonfermaw, f'konformità mas-sejbiet tal-evalwazzjoni interim[11], ir-rwol ta' ingranaġġ tal-komponent tal-għotja fil-Faċilità. Billi jikkumplimenta s-self tal-BEI, l-appoġġ ta' għotja jgħin biex jagħmel l-investiment tas-settur pubbliku finanzjarjament vijabbli fit-territorji koperti mill-Fond u jikkontribwixxi għal finanzjament addizzjonali fil-livell tal-proġett.

L-ishma nazzjonali għall-Bulgarija, Spanja u Franza ġew allokati kompletament, filwaqt li dawk għall-Iżvezja, Ċipru u ċ-Ċekja ġew allokati kważi kompletament.

[11] Il-Kummissjoni Ewropea, *Study to support the interim evaluation of the Public Sector Loan Facility (PSLF) — Final Report (Studju li jappoġġa l-evalwazzjoni interim tal-Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku (PSLF) — Rapport Finali*), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2025. DOI: 10.2776/8746618.

*Illustrazzjoni1 Ishma nazzjonali u l-konsum tagħhom minn għotjiet mogħtija jew li qed jiġu vvalutati*[12]




Peress li l-PSLF kienet strument ġdid, l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni kellhom rwol ewlieni matul l-implimentazzjoni tal-ewwel sejħa. F'fażi inizjali, l-użu baqa' limitat, li jirrifletti n-novità tal-Faċilità, il-kumplessità tal-kombinazzjoni ta' għotja tal-UE mas-self tal-BEI meta mqabbel ma' għotjiet tradizzjonali tal-UE, u l-kapaċitajiet differenti ta' teħid b'self u l-kundizzjonijiet amministrattivi ta' benefiċjarji potenzjali madwar l-Istati Membri. Dawn l-elementi ġew identifikati wkoll mill-evalwazzjoni interim bħala fatturi li jaffettwaw il-pass u d-distribuzzjoni ġeografika tal-adozzjoni taħt l-ewwel sejħa. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-BEI, wettqet sforzi ta' komunikazzjoni mmirati biex iżidu l-viżibbiltà, itejbu l-fehim tal-partijiet ikkonċernati tal-Faċilità u jappoġġaw lill-benefiċjarji potenzjali matul il-proċess ta' applikazzjoni.

L-Istati Membri kollha ġew avviċinati u offruti sessjonijiet ta' informazzjoni ddedikati li jippreżentaw il-karatteristiċi ewlenin tal-PSLF u l-proċess ta' applikazzjoni. Barra minn hekk, l-isforzi ta' komunikazzjoni ffukaw fuq benefiċjarji potenzjali f'firxa wiesgħa ta' setturi relatati mas-servizzi pubbliċi, inkluż permezz ta' involviment ma' assoċjazzjonijiet u networks settorjali bbażati fi Brussell.

Dawn l-attivitajiet ġew ikkomplementati minn komunikazzjoni kontinwa permezz ta' avvenimenti, laqgħat, pubblikazzjonijiet, media soċjali u materjali mmirati, kif ukoll minn appoġġ konsultattiv ipprovdut mill-BEI, li kkontribwixxa għall-iżvilupp ta' sensiela ta' proġetti maturi. L-evidenza ta' sensibilizzazzjoni akbar hija riflessa mhux biss fl-adozzjoni li qed tevolvi tal-Faċilità, iżda wkoll fl-għadd dejjem jikber ta' promoturi tal-proġetti li jinvolvu ruħhom mal-Kummissjoni u mas-sħab tagħha biex ifittxu gwida dwar il-PSLF.

[12] L-allokazzjonijiet nazzjonali jirriflettu l-aġġustamenti wara r-reviżjoni tal-QFP 2021–2027. L-ammonti disponibbli jirrappreżentaw il-baġits nazzjonali li jifdal, wara t-tnaqqis tal-għotjiet mogħtija jew li jkunu qed jiġu vvalutati fiż-żmien meta nkiteb dan ir-rapport.

Maż-żmien, dawn l-attivitajiet appoġġaw l-iżvilupp ta' sensiela aktar b'saħħitha ta' applikazzjonijiet lejn tmiem l-ewwel sejħa u lejn il-fażi tat-tnedija tat-tieni sejħa.

## 2.2. It-tieni sejħa tal-PSLF

It-tieni sejħa għal proposti tal-PSLF tnediet f'Ottubru 2025. Is-sejħa hija miftuħa għall-Istati Membri kollha fuq bażi kompetittiva, mingħajr allokazzjonijiet nazzjonali allokati minn qabel, u tkopri l-2026–2027. Fl-14 ta' Novembru 2025 ġie organizzat Jum ta' Informazzjoni wara t-tnedija tas-sejħa.

L-ewwel data ta' skadenza tiegħu, stabbilita għas-27 ta' Jannar 2026, attirat livell għoli ta' interess. Tressqu 30 proposta minn applikanti minn 10 Stati Membri (DE, FR, CZ, CY, EL, ES, IE, IT, RO, SE), b'talba għal għotja kumulattiva ta' EUR 1.24 biljun. Wara l-valutazzjoni tal-ammissibbiltà u tal-eliġibbiltà ta' dawn il-proposti, 21 proposta ġew iġġudikati ammissibbli u eliġibbli. Dawn il-proposti, sottomessi minn applikanti minn 6 Stati Membri (CY, CZ, EL, ES, FR, SE), jirrappreżentaw kontribuzzjoni totali mitluba ta' madwar EUR 783 miljun.

Il-21 proposta ammissibbli u eliġibbli kollha għaddew minn evalwazzjoni teknika mill-Kummissjoni. Minn dawn, 18-il proposta għaddew b'suċċess mil-limiti ta' evalwazzjoni, li jikkorrispondu għal ammont totali ta' għotja mitlub ta' EUR 633 miljun. Tliet proposti, li talbu total ta' EUR 150 miljun, ma ntgħażlux minħabba punteġġi insuffiċjenti kontra kriterju tal-għoti wieħed jew aktar.

F'konformità mar-regoli fis-sejħa, il-proposti ġew ikklassifikati abbażi tal-punteġġi ta' evalwazzjoni tagħhom. Fejn il-punteġġi kienu ugwali, ingħatat prijorità, f'ordni dekrexxenti, lil (i) proġetti li jinsabu f'reġjuni inqas żviluppati, (ii) dawk li jikkontribwixxu direttament għall-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, u (iii) dawk promossi minn applikanti bi pjanijiet stabbiliti ta' dekarbonizzazzjoni.

L-għadd finali ta' proposti li għandhom jiġu ffinanzjati, kif ukoll dawk li għandhom jitqiegħdu fil-lista ta' riżerva, se jiddependu mill-baġit disponibbli, kif spjegat f'aktar dettall fit-Taqsima 2.3.

## 2.3. Implimentazzjoni kumulattiva totali

L-ammont totali tal-għotja mitlub ta' EUR 633 miljun għall-proposti ta' suċċess taħt it-2 sejħa jaqbeż, f'dan l-istadju, il-baġit disponibbli li jifdal wara l-1 sejħa (EUR 354.92 miljun). Il-konsum reali tal-baġit allokat wara d-deċiżjoni tal-għażla se jiddependi fuq diversi fatturi, inkluż l-ammont reali ta' self tal-BEI ffirmat u l-allinjament dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposti inklużi fl-applikazzjonijiet għall-għotjiet.

F'dan il-kuntest, l-ewwel seba' proġetti fil-lista ta' klassifikazzjoni diġà jistgħu jiġu ffinanzjati. Il-ħdax-il proġett li jifdal magħżula mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni se jitqiegħdu fuq lista ta' riżerva, sakemm ikun hemm id-disponibbiltà ta' rimborżi futuri tal-FEIS.

Barra minn hekk, l-iskadenzi għas-sottomissjoni li jmiss se jiġu ddeterminati wkoll abbażi tad-disponibbiltà ta' rimborżi futuri tal-FEIS.

## 2.4. Proġetti ffinanzjati mill-PSLF

Il-proġetti appoġġati jirriflettu l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-azzjonijiet eliġibbli skont ir-Regolament PSLF u huma allinjati mal-objettivi tal-JTM. B'mod partikolari, l-investiment jiffoka fuq: il-mobbiltà sostenibbli, li tirrappreżenta l-akbar sehem ta' għotjiet iffirmati (madwar EUR 131.8 miljun), inklużi l-modernizzazzjoni tal-ferroviji, l-estensjonijiet tat-tramm u s-sistemi tat-trasport b'emissjonijiet żero; l-effiċjenza enerġetika u l-infrastruttura tal-enerġija, bħan-networks tat-tisħin distrettwali u l-aġġornamenti għas-sistemi tal-elettriku; it-tiġdid u r-riġenerazzjoni urbani, inkluża l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura pubblika; l-infrastruttura soċjali, bħall-iskejjel, il-

faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni; u l-infrastruttura għall-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart. Lista dettaljata ta' proġetti ffinanzjati s'issa tista' tinstab fl-Anness 2.

F'dan l-istadju, diġà ġew implimentati bis-sħiħ ħames proġetti, li jipprovdu eżempji konkreti tat-twettiq tal-proġetti taħt il-Faċilità. Dawn jinkludu proġett wieħed ta' mobbiltà urbana sostenibbli fi Franza, biex tiġi estiża linja tat-tramm, u erba' proġetti fiċ-Ċekja, li jkopru l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja, ir-riġenerazzjoni urbana, it-titjib fir-rendiment fl-użu tal-enerġija u l-infrastruttura soċjali.

Fir-rigward tat-tip ta' self li jikkorrispondi għas-sitta u għoxrin ftehim ta' għotja ffirmati, 21 mill-proġetti huma self ta' investiment awtonomu u 5 huma bbażati fuq skema ta' self[13]. F'Ġunju 2025, ġie ffirmat l-ewwel ftehim ta' għotja marbut ma' self intermedjat ipprovdut mir-riżorsi tal-BEI mill-Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp fiċ-Ċekja.

Ir-Regolament PSLF jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs, Key Performance Indicators) li ġejjin: it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, l-għadd ta' impjiegi maħluqa u l-għadd ta' persuni milħuqa. Abbażi tal-informazzjoni sottomessa mill-benefiċjarji tal-PSLF, l-iffrankar tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ huwa stmat li huwa ta' 204 621 tunnellata fis-sena. Il-proġetti ffinanzjati minn din il-faċilità huma mistennija li jiġġeneraw 11 577 impjieg u minnhom jibbenefikaw aktar minn 7 miljun persuna billi jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' żvilupp reġjonali. Fl-Anness 3 hemm ċart li turi l-KPIs aggregati, strutturati skont l-Anness II tar-Regolament PSLF.

## 3. Appoġġ ta' konsulenza

Is-servizzi ta' Konsulenza tal-BEI huma disponibbli taħt iċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU għat-tħejjija, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti eliġibbli[14]. Sad-19 ta' Ġunju 2026, ġiet ipprovduta assistenza konsultattiva b'appoġġ għall-PSLF lill-benefiċjarji fl-Awstrija, fil-Bulgarija, f'Ċipru, fiċ-Ċekja, fid-Danimarka, fil-Finlandja, fi Franza, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fl-Irlanda, fir-Rumanija, fi Spanja, fis-Slovakkja u fl-Iżvezja[15] li tammonta għal EUR 22.5 miljun. Il-lista ta' assenjazzjonijiet konsultattivi tista' tinkiseb mill-Anness 4.

L-appoġġ tas-servizzi ta' Konsulenza tal-BEI huwa kopert u adattat għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-promoturi ta' proġetti individwali, u varja minn gwida ġenerali fl-identifikazzjoni ta' proġetti xierqa u appoġġ upstream għat-tħejjija ta' programmi ta' investiment, għal pariri dwar l-iżvilupp tal-proġetti u appoġġ għall-applikazzjoni għall-għotjiet tal-PSLF. Barra minn hekk, il-BEI kien involut f'attivitajiet ta' disseminazzjoni, ta' orjentazzjoni u ta' skrinjar sabiex jidentifika u jappoġġa proġetti li jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament mill-PSLF.

Il-konsulenza tal-BEI tat spinta lid-domanda għall-appoġġ tal-PSLF permezz ta' ħames flussi ta' ħidma:

i. **Appoġġ konsultattiv dirett** lil promoturi u mutwatarji individwali ta' self ta' investiment awtonomu, permezz ta' firxa wiesgħa ta' servizzi ta' konsulenza dwar il-fażijiet ta' tħejjija u implimentazzjoni, inkluża assistenza b'applikazzjonijiet għal għotjiet;

ii. **Appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet** għal istituzzjonijiet mhux bankarji, li tipikament jaġixxu bħala aggregaturi ta' proġetti ta' daqs iżgħar, biex jiżviluppaw kapaċità

[13] Biex jiġi evitat kull dubju, il-proġetti li jirċievu finanzjament mill-BEI taħt self intermedjat jiġu ttrattati bħala proġetti awtonomi.

[14] Ara aktar dettalji fit-Taqsima 2.1.4 tal-ewwel rapport ta' implimentazzjoni tal-PSLF u fit-Taqsima 2.2 tat-tieni rapport ta' implimentazzjoni tal-PSLF.

[15] Xi wħud mill-attivitajiet konsultattivi f'Ċipru, fil-Greċja u fi Franza tnedew qabel ma l-PSLF kienet fis-seħħ u għalhekk ġew iffinanzjati minn sorsi oħra, bħaċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (il-Greċja) u t-Tieqa għall-Infrastruttura Sostenibbli taċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU (Ċipru u Franza).

amministrattiva u operazzjonali biex b'mod effettiv jiskrinjaw, jagħżlu, jipprijoritizzaw, jimmonitorjaw jew inkella jikkoordinaw numru ta' sottoproġetti;

iii. **Appoġġ konsultattiv "indirett"** lill-benefiċjarji aħħarin ta' self intermedjat jew ta' qafas ta' self permezz ta' pakketti ta' appoġġ standardizzati mmirati biex itejbu s-solidità u l-konformità tal-proposti mal-politiki ta' self applikabbli;

iv. **Konsulenza dwar l-iżvilupp tas-suq** fil-livell tal-Istati Membri biex tiġi identifikata d-domanda potenzjali għall-appoġġ tal-PSLF u jiġi stabbilit jekk il-prodotti finanzjarji disponibbli tal-PSLF humiex xierqa;

v. **Skrinjar, orjentazzjoni u disseminazzjoni** biex jiġi promoss l-użu tal-faċilità, jiġu identifikati u prijoritizzati proġetti xierqa u tiġi pprovduta gwida ġenerali dwar l-applikazzjonijiet għall-għotjiet tal-PSLF.

Minbarra s-servizzi offruti mill-BEI permezz taċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU, ġew varati servizzi ta' konsulenza mill-Kummissjoni fuq talba taċ-Ċekja, tal-Greċja u tas-Slovakkja, bl-għan li titqajjem kuxjenza dwar il-PSLF u jiġu identifikati u żviluppati proposti ta' proġetti. L-assistenza teknika għaċ-Ċekja ġiet ipprovduta mill-Kummissjoni u l-appoġġ lis-Slovakkja huwa pprovdut taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI)[16]. Firxa wiesgħa ta' servizzi huma pprovduti taħt iż-żewġ kuntratti, inklużi s-sensibilizzazzjoni, il-mobilizzazzjoni ta' benefiċjarji potenzjali fir-reġjuni tat-TJTP u l-iskrinjar tal-ideat tal-proġetti.

Il-Greċja bbenefikat minn appoġġ usa' taħt it-TSI għall-implimentazzjoni tat-tliet pilastri tal-JTM. Talbet ukoll appoġġ taħt il-JTP Groundwork[17] għall-identifikazzjoni tal-proġetti u t-tħejjija sussegwenti tal-proposti tal-proġetti li għandhom jiġu ppreżentati għall-finanzjament tal-PSLF fir-reġjun tal-Peloponnese.

Il-Kummissjoni u l-BEI jipparteċipaw fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-assenjazzjonijiet ta' konsulenza, biex jiżguraw li dawn jingħaqdu ma' attivitajiet oħra ta' konsulenza fl-Istati Membri benefiċjarji.

## 4. Il-passi li jmiss

L-iskadenzi għas-sottomissjoni li jmiss se jiġu deċiżi wara d-disponibbiltà ta' rimborżi tal-FEIS għall-Faċilità.

## 5. Konklużjonijiet

Il-faċilità ta' self għas-settur pubbliku hija strument li jfittex li jiżgura li t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima sseħħ b'mod ġust u soċjalment sostenibbli, fid-dawl tar-rwol ewlieni tas-settur pubbliku fl-indirizzar tal-fallimenti tas-suq.

Tnedew l-ewwel u t-tieni sejħiet għal proposti tal-PSLF, u l-baġit tal-Faċilità wasal biex jiġi implimentat kompletament, b'aktar proġetti potenzjali li qed jitħejjew. Din l-evoluzzjoni għandha titqies ukoll fid-dawl tat-tagħlimiet ta' implimentazzjoni identifikati mill-evalwazzjoni interim. L-adozzjoni inizjali ġiet affettwata min-novità tal-Faċilità, il-kumplessità tal-kombinazzjoni tal-appoġġ tal-għotjiet tal-UE mas-self tal-BEI meta mqabbel ma' għotjiet mhux imħallta tal-UE, kapaċitajiet differenti ta' teħid b'self u amministrattivi madwar l-Istati Membri u l-promoturi pubbliċi, u d-disponibbiltà ta' sorsi oħra ta' finanzjament. Fl-istess ħin, l-evalwazzjoni enfasizzat li

[16] TSI — Kif taħdem — Riformi u Investimenti — Il-Kummissjoni Ewropea
[17] Inforegio - Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (europa.eu).

ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni, l-appoġġ konsultattiv u l-iżvilupp progressiv ta' riżerva ta' proġetti maturi kienu mistennija jappoġġaw domanda aktar b'saħħitha maż-żmien. F'dan il-kuntest, is-servizzi ta' konsulenza kellhom rwol importanti biex jgħinu lill-benefiċjarji potenzjali jidentifikaw proġetti xierqa, itejbu l-maturità tal-proġetti u jinnavigaw ir-rekwiżiti tal-Faċilità.

Sad-19 ta' Ġunju 2026, il-kumitat ta' evalwazzjoni tal-PSLF kien għażel total ta' 63 proposta għal proġetti li jirrappreżentaw ammont stmat ta' għotja ta' madwar EUR 1.1 biljun u ammont ta' self korrispondenti ta' madwar EUR 5.5 biljun. B'kollox ġew iffirmati 26 ftehim ta' għotja, u bdiet l-implimentazzjoni tal-proġetti korrispondenti.

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-BEI, se tkompli taħdem biex timmassimizza l-potenzjal tal-PSLF matul it-tieni sejħa. L-iskadenza għas-sottomissjoni li jmiss se tiġi deċiża wara d-disponibbiltà tar-rimborżi tal-FEIS.